MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Numru 163/90

**Il-Pulizija
vs
Peter Paul Borg**

**Illum 27 ta' Mejju 2009**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra Peter Paul Borg, residenti "Peter Nancy", Qala Road, Nadur, Ghawdex, akkuzat fuq talba tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, li qed taghmel jew li qed iggieghel jew thalli li jsir xi haga, f'Dahlet Qorrot Bay limiti tan-Nadur Ghawdex li ghailha huwa mehtieg permess skond l-Artikolu 16(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap 10.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex minbarra l-piena stabbilita, tapplika l-provedimenti skond Sezzjoni 17 sub artikolu (1),

(3) u (8) u sezzjoni 18 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll li tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ xi dritt li l-imputat ghandu fi, jew fuq proprjeta’ immobbli li dwarha sar ir-reat u dan skond l-artikolu 17A tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap 10.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni juru illi l-imputat huwa s-sid ta’ *boathouse* fil-bajja ta’ Dahlet Qorrot f’Ghawdex u li din l-istess kostruzzjoni inbniet minghajr il-permessi mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti. Il-Qorti ma tara ebda htiega li telabora dwar dan ghaliex mid-dokumenti esebiti, inkluza applikazzjoni tal-istess imputat sabiex jissana l-irregolarita huwa pruvat fil-grad rikest mil-ligi illi dik il-kostruzzjoni kien responsabbli ghaliha hu. Di piu’, matul il-kors ta’ din il-kawza, l-imputat intavola diversi proceduri ohra li ghalihom din il-Qorti stenniet l-ezitu fuq talba tieghu stess li hija ukoll ir-raguni primarja ghaliex din il-kawza hadet dan iz-zmien kollu biex tkun determinata. F’dak il-proceduri l-imputat jissolecita ezitu favur tieghu bazat primarjament fuq l-koncett li terzi persuni ghandhom *boathouses* fuq l-istess art u li ma ttiehdu ebda proceduri kontra taghhom kif ukoll illi l-*boathouse* tieghu hija mibnija taht it-trab u mhix daqshekk vizibbli. Dawn il-proceduri u d-dokumenti esebiti huma konferma li din il-*boathouse* inbniet mill-imputat kif ravvizat fl-akkuza odjerna.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu;

Rat l-artikoli 16, 17 u 18 tal-Kap 10 kif vigenti fid-data tal-akkuza u salvati bis-sahha tal-Kap 356;

Tikkundannah ghal hlas ta’ ammenda ta’ Euro 58.23 u tordnalu jnehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar (1) mil-lum fuq penali ta’ Euro 4.66 ghal-kull jum ta’ nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------